# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**


27 t'April, 2012

# Minuti tal-kontinwazzjoni tal-laqgha numru 02(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal kontinwazzjoni tal-laqgha numru 02(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Gimgha 20 t'April, 2012 fis-5:45 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-sur John Boxall, Sindku, Is-Sur Trevor Mizzi Vici Sindku, s-sur Anton Gellel, Kunsillier u s-Sur Lawrence Attard.

Il-Kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fi 6:45 ta' filghaxija

## Talba.

Is-sur John Boxall, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Korrispondenza

1.1 Gbir ta' skart separat fil-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kumpanija Green MT, bghatet korrispondenza fejn nfurmat lil Kunsill li din il-kumpanija ser tigbor l-iskart mil-bring in site b'ingenji zghar kif ukoll li ser taghti kontenituri lill-iskola Primarja Santu Rokku kif ukoll lil Kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura.

1.2 Zjara ta' l-Ambaxxatur Franciz ghal Malta fil-Birgu

Is-Sindku s-sur John Boxall,qal li s-Segretarja ta' l-Ambaxxatur nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-Ambaxxatur jista' jzur din il-Belt u l-Berga ta' Franza il-Hamis 10 ta' Mejju, it-Tnejn

14 ta' Mejju jew l-Erbgha 16 ta' Mejju. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsil jissugerixxi sabiex din il-vizita issir nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju, 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 *Europeam Citizenship in Youth Training Course* gewwa l-Kroazja

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Vici Sindku s-Sur Trevor Mizzi, gie maghzul sabiex jattendi ghal *European Citizenship in Youth Training Course* gewwa l-Kroazja, mil-Agenzija EUPA f'Malta. Is-Sindku zied jghid li dan il-kors ser issir bejn l-11 u s-17 ta' Gunju, 2012.

1.4 Ittra lil Onorevoli Karm Mifsud Bonnici, Ministru ghall-Intern u Gvern Lokali

Ittra mibghuta lil Onorevoli Karm Mifsud Bonnici bhala ringrazzjament u apprezament ghal ghajnuna mghotija fir-rigward tal-approvazzjoni tal-finanzjament tan-nefqa relatata max-xoghlijiet li saru fil-Berga ta' Franza, liema binja ser tkun il-Binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

1.5 Latrina Pubblika f'Sally Porte, fil-Post maghruf bhala it-Toqba

Notifika mibghuta mil-MEPA dwar l-applikazzjoni ghal permess sabiex isir rampa ghal-latrina pubblika f'Sally Porte fil-post maghruf bhala t-toqba. Is-Sindku zied jghid li sfortunatament l-applikazzjoni waqghet u ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinforma lil Perit responsabli min dawn ix-xoghlijiet, il-Perit Mark John Scicluna u tintalab spjegazzjoni ta' dan.

1.6 Talba mil-Patrijiet Dumnikani

Ittra minghand il-Pirjol Frank Borg, fejn ghan-nom tal-Komunita Dumnikana talab sabiex fil-belt tal-Birgu tissemma' triq ghall-Madonna tal-Lunzjata. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba u dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex aktar –il quddiem jara liema triq ghandha tinghata dan l-isem. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Zjara tad-Duka ta' Gloucester

Is-Sindku s-Sur John Boxall, pprezenta kwotazzjoni pprezentata minghand il-Kumpanija Dimbros Ltd, sabiex nhar il-Hadd 15 t'April, 2012, fl-okkazjoni taz-zjara tad-Duka ta' Gloucester, jinghata servizz tal-knis u tindif fil-Birgu b'zewg haddiema minflok wiehed, ghal xoghol ta' tlett sieghat, ghal prezz ta' € 50 minghajr VAT. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.,

1.8 Kwotazzjoni ghal sufan ghal *front office* ghal Berga ta' Franza

Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta kwotazzjoni sabiex issir sufan ghal *waiting area* tal-*front office* tal-Berga ta' Franza. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija "nick &co. Club sofas" ghal prezz ta' € 885. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jgib kwotazzjonijiet ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.9 Il-progett ta’ Youth Exchange mal-Belt ta’ Belvi fl-Italja

Is-Sindku tah rendikont taz-zjara tieghu u tas-sinjura Moira Azzopardi, fil-villagg ta’ Belvi fl-Italja. Hawnhekk, is-Sindku nforma lil Kunsilliera li hu flimkien mas-Sindku ta’ Belvi, ddiskuttaw diversi progetti ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea u nforma lil Kunsill li l-Vici Sindku, flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva qeghdin jaghmlu l-preparamenti mehtiega, sabiex bl-ghajnuna tal-MEUSAC japplikaw ghal progett ta’ Youth Exchange, bejn il-Belt tal-Birgu u l-Villagg ta’ Belvi. Hawnhekk, is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku stqar li sabiex il-Kunsill japplika taht is-sejha tal-Youth in Action, hemm bzonn li jghaqqad grupp ta’ Zghazagh li jkunu l-koordinaturi ta’ din l-attivita. Il-Vici Sindku ssugerixxa li dan il-grupp ikun maghmul min s-Sur Darren Agius, is-Sinjorina Riona Barbara, is-Sur Clint Muscat u s-Sur Johann Spagnol. Is-Sindku s-Sur John Boxall ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.10 Il-Progett ta’ Europe for Citizen mal-Villagg ta’ Belvi, f’Sardegna fl-Italja

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li fost id-diskussjonijiet li saru mas-Sindku tal-Villagg ta’ Belvi gie diskuss l-applikazzjoni ghal progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, taht il-fondi Europe for Citizens, il-progett bit-titlu “ Connecting people through culture and traditional games”. Is-Sindku qal li jekk dan il-progett jigi approvat, il-Kunsill ikun jista’ jibghat 25 ruh mil-belt tal-Birgu sabiex jattendu u jippartecipaw ghal gimgha mzewqa b’attivitajiet fil-Villagg ta’ Belvi. Is-Sur John Boxall, Sindku zied jghid li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qed jahdem id f’id mal-MEUSAC, sabiex ikun jista’ japplika ghal dan il-progett.

## 6. Responsabilitajiet ta’ dekasteru lil Kunsilliera

Is-sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex is-sur Trevor Mizzi, Vici Sindku jigi fdat lilu s-settur taz-zghazagh u sport, kif ukoll l-progett tal-Youth Exchange mal-villagg tal-Belvi, is-sur Anton Gellel flimkien mas-Sindku s-Sur John Boxall, ser jigi fdat it-tindif tal-lokal u l-progetti infrastrutturali, s-sur Alan Cassar Kunsillier, jigi fdat lilu s-settur ta’ l-edukazzjoni u l-attivitajiet kulturali u s-Sur Lawrence Attard jigi fdat f’idejh, is-settur ta’ l-anzjani u ta’ l-ghajnuna Socjali, kif ukoll l-assocjazzjoni tal- *Walled Towns Friendship Circle.* Is-sur John Boxall, qal li huwa ser jiehu hsieb l-progetti kollha ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea , il-progetti infrasstruturali kollha, it-tindif ingenerali tal-lokalita, il-finanzi tal-Kunsill u l-haddiema kollha assenjati mal-Kunsill. Ghal dawn is-suggerimenti kien hemm qbil uanimu.

## 7. Suq tal-Haxix fil-Birgu

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera dwar ix-xewqa tal-Kunsill kif ukoll dik tar-residenti ta’ din il-Belt, biex fil-Birgu jitella’ suq tal-haxix u frott. Is-Sindku zied jghid li l-approvazzjoni ta’ dan is-suq Triq tinhareg permezz ta’ amenda fil-ligi mil-Ministeru ta’ l-Affarijiet Rurali, Rizorsi u l-Infrastruttura. Is-Sindku tah rendikont tax-xoghol li qieghed isir min-naha tal-Kunsill u qal li l-istess Kunsill qieghed jistenna l-approvazzjoni mil-Ministeru. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibqa’ jsostni li din l-attivita ssir fil-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk, l-Kunsillier Anton Gellel issuggerixxa sabiex din l-attivita tibda ssir Sibt iva u Sibt Le. Is-Sindku ssekonda dan is-suggeriment u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob laqgha mal-Ministru ghal Affarijiet Rurali Rizorsi u l-Infrastruttura., l-Onorevoli George Pullicino. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. L-attivita ta' Jum il-Birgu 2012

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2012, tigi celebrat fi 7 ta' Settembru, 2012 u sostna li l-Kunsill ghandu jibda l-preparamenti sabiex ghal darb'ohra din l-attivita tkun wahda ta' success. Il-Kunsillier Alan Cassar ssugerixxa sabiex ghal din l-attivita, barra li jigi pprezentat l-filmat dokumentattiv dwar il-Belt tal-Birgu, issir *slideshow* fuq il-volum tal-ktieb "Survivors", kif ukoll narazzjoni fuq in-nies, wild din il-Belt. Is-Sur Cassar, ssugerixxa li din issir kull sena. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Il-Kunsillier Lawrence Attard issugerixxa sabiex f'dik il-gimgha tigi organizzata attivita ghal anzjani filwaqt li l-Vici Sindku ssugerixxa sabiex tigi organizzata recta fuq din il-Belt. Il-Kunsillier Anton Gellel, ssugerixxa sabiex tigi organizzata attivita sportiva b'differenza, fejn tigi organizzata mixja kulturali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 9. L-attivita tal-BirguFest 2012

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li ghal l-attivita tal-BirguFest 2012, l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jiehu l-ammont ta' € 7500 mill-iskema ta' attivitajiet fil-lokalitajiet, mahruga mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku zied jghid li biex din l-attivita tigi organizzata fuq tlett ijiem ser tkun impossibli sakemm l-istess Kunsill mhux ser jircievi xi donazzjonijiet li jkopru ammont sostanzjali ta' l-ispejjez.

Hawnhekk is-Sindku zied jghid li barra mil-attivita tal-BirguFest 2012, il-Kunsill kien applika ghal attivita ohra, dik ta' *Vittoriosa Musica Maestro*, sabiex jibbenifika mil-iskema ta' attivitajiet fil-lokalitajiet, izda ghalkemm din l-attivita giet approvata, d-Dipartiment approva l-ammont ta' € 1000, ghal attivita li kienet stmata li ser tigi tiswa € 60,000. Ghaldaqstant, il-Kunsill kien iddecieda li ma kienx f'posizzjoni li jorganizza din l-attivita bil-fondi mghotija u talab lid-Dipartiment sabiex l-ammont ta' € 1000 jigu trasferiti ghal l-attivita tal-BirguFest 2012 u din it-talba giet approvata. Ghaldaqstant l-ammont ghal l-attivita tal-BirguFest 2012 ser ikun ta' € 8500.

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-attivita tal-BirguFest ser issir bejn it-19 u l-21 ta' Ottubru u ppropona li il-Gimgha 19 ta' Ottubru, filghodu titella' l-attivita ghat-tfal, fejn jigu mistiedna l-iskejjel kollha ta' Malta u Ghawdex sabiex jattendu ghal din l-attivita. Hu kompla billi ssugerixxa li filghaxija l-Gimgha titella' attivita zghira fuq il-palk fil-pjazza, filwaqt li s-Sibt 20 t'Ottubru, 2012, titella' l-attivita tal-Birgu By Candlelight, fost attivitajiet ohra li jistghu jsiru biex jikkumplimentaw din l-attivita. Dwar il-gurnata tal-Hadd, wiehed ghad irid jiddiskuti. Dwar il-gurnata tal-Hadd, wiehed ghad irid jiddiskuti. Wara diskussjoni, dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku s-Sur John Boxall talab l-approvazzjoni tal-Kunsill ghal membri tas-sotto Kumitat tal-BirguFest 2012. Is-Sur Boxall issugerixxa sabiex dan is-sotto kumitat ikun maghmul mis-Sur Charles Camilleri, is-Sinjura Miriam DeRaffaele, is-Sur Christian Raggio, s-Sur Mario Camilleri, is-Sur Paul Bezzina, is-Sur Arthur Demarco, is-Sur Emanuel Attard, is-Sinjura Sandra Cassar u s-Sur Lawrence Farrugia. Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi issekonda u dan is-sotto Kumitat gie unanimament approvat.

## 10. Is-Sitwazzjoni tat-toroq fil-Birgu

Il-Kunsillier Anton Gellel, talab lis-Sindku s-Sur John Boxall, sabiex tinghata spjegazzjoni tas-sitwazzjoni tat-toroq fil-Birgu specjalment s-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz kif ukoll ta' l-istat hazin li jinsabu fihom Triq il-Kardinal u Triq il-Mina l-Kbira. Hawnhekk, is-Sur Gellel, issugerixxa sabiex il-Kunsill ma jaghmilx *patching* fit-toroq fi zmien li gej u minflok issir triq wahda bil-*hot tarmac*.

Is-Sindku s-Sur John Boxall, spjega s-sitwazzjoni ta' Triq San Lawrenz u nforma lil Kunsill li nhar it-Tnejn 23 t'April, 2012, ser issir laqgha *on site* mal-Perit responsabli mix-xoghlijiet min-naha ta' Transport Malta kif ukoll mal-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghlijiet f'din it-triq. Barra min hekk is-Sindku tah rendikont tas-sitwazzjoni tat-toroq fil-Birgu u kif il-Kunsill hareg ghal erbgha darbiet is-sejha ghal offerti taht l-iskema tal-PPP, izda hadt qatt ma applika. Is-Sindku ukoll tah spjegazzjoni ta' Triq il-Kardinal u Triq Desain u spjega s-sitwazzjoni ma' l-Enemalta, kif din it-triq kellha ssir min din l-korporazzjoni, minhabba li l-istess korporazzjoni kellha terga' taghmel xi xoghol biex jghaddi xi *cable*.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitlob laqgha ma' l-Onorevoli George Pullicino sabiex jigi diskuss f'aktar dettal il-progett ta' l-area tal-Collachio, hekk kif dan il-progett ser jaffetwa t-toroq l-ohra fil-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 11. Affarijiet Ohra

11.1 Sotto-Kumitat responsabli mil-Anzjani

Il-Kunsillier Lawrence Attard nforma lil Kunsilliera li l-ewwel laqgha tas-sotto-kumitat ser issir nhar it-Tlieta 24 t'April, 2012 fis-sitta ta' filghaxija fil-Berga ta' Franza.

11.2 Laqgha ta' l-Assocjazzjoni *Walled Towns Friendship Circle* f'Malta

Is-Sindku s-Sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li l-Laqgha ta' l-Ezekuttiv ta' l-Assocjazzjoni tal-*Walled Towns Friendship Circle,* ser issir bejn l-10 u l-14 ta' Mejju, 2012, liema konferenza qed tigi organizzata mil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Belt ta' L-Imdina, l-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Kunsill Lokali tar-Rabat, Ghawdex.

11.3 ATM fil-Birgu

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li prezentament il-Kunsill qieghed f'diskussjonijiet mal-Banif Bank, sabiex fil-Birgu tigi nstallata ATM.

11.4 Lezzjonijiet ta' Zumba Fitness f'Couvre Porte

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill qieghed jitlob kwotazzjonijiet sabiex fix-xhur tas-sajf jigu organizzati lezzjonijiet ta' zumba fitness f'Couvre Porte

11.5 Il-Progett Oralities

Is-Sindku qal li bejn it-30 u 31 ta' Mejju, 2012, f'Evora, fil-Portugal ser tigi organizzata l-attivita ta' "Oral Tradition" fejn bhala membru fi hdan dan il-progett, il-Kunsill Lokali tal-Birgu, irid

jibghat persuna intiza fuq l-lingwa u tradizzjonijiet maltin, kif ukoll grupp teatrali biex itella' esebizzjoni kulturali. Ghaldaqstant, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinnomina lis-Sur George Peresso sabiex jattendi ghal din il-konferenza kif ukoll l-grupp teatrali ta' Louis Gatt biex itella' recta f'teatru f' Evora. Wara diskussjoni dwar dan kien hemm qbil unanimu.

11.6 Il-Progett "AEurobuilding", parti ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva korrispondenza minghand l-*"Association of Rural Development Estepa Sietta Sur*" f'Andalucia, Spanja, fejn talbu l-Kunsill jekk mhux interessat li jissieheb fi progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, taht is-sejha "Intelligent Energy" ghal progett "Aerobuilding", progett li jiffoka fuq skambji ta' ideat fuq *Sustainable Energy*. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb f'dan il-progett. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

11.7 Kwotazzjoni ghal lapel badges

Kwotazzjoni ghal 300 *lapel badges* ghal prezz ta' € 480 minghand is-Sur Godfrey Duca. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

11. 8 Kors ta' tahrig ta' tbahhir ghaz-zghazagh fuq il-bastiment "Florette"

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-kors ta' tbahhir ghaz-zghazagh fuq il-bastiment "Florette" organizzat mil-"Malta Sail Training Association" u l-Grand Harbour Marina ser isir bejn is-Sibt 21 u l-Hadd 22 t'April, 2012, izda mit-tnax-il zghazagh li applikaw min din il-Belt, ntghazel biss zghazugh wiehed. Hawnhekk, is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lis-Sur Ben Stuart, General Manager tal-Grand Harbour Marina, fejn is-Sindku staqsa diversi mistoqsijiet dwar l-ghazla li saret ghal partecipazzjoni f'din l-opportunita. Is-Sindku qal li t-twegibiet ghal dawn il-mistoqsijiet ser jintbaghatu lil dawk kollha li applikaw biex jippartecipaw, ghas-sodisfazzjon taghhom.

11.9 Sotto-Kumitat maghmul mil-ghaqdiet tal-lokal

Il-Kunsillier Lawrence Attard, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu johloq sotto-kumitat maghmul mil-ghaqdiet u l-assocjazzjonijiet tal-lokal. Is-Sindku s-sur John Boxall ssekonda u ssugerixxa sabiex dan l-*item* jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

11.10 Il-Hadid mad-dawra tal-Monument tal-Vitorja

Il-Kunsillier Anton Gellel, gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-hadid mad-dawra tal-monument tal-Vitorja f'Misrah ir-Rebha ghadu ma giex rrangat. Is-Sindku qal li l-Kunsill informa lil kuntrattur responsabli mix-xoghlijiet, l-kumpanija Amabile Galea & Sons sabiex isiru x-xoghlijiet mehtiega.

11.11 Ix-xoghlijiet ta' restawr madwar il-Muzew Maritimu

Il-Kunsillier Anton Gellel, staqsa lil Kunsill sabiex jinfurmah il-ghala madwar il-Muzew Marittimu hemm ir-railing. Is-Sindku qal li dan hu bzonnjuz minhabba r-restawr li hemm bzonn li jsir fil-Muzew Marittimu u l-fatt li partijiet min-naha tac-cinta ta' fqud li jdawwar din il-binja qed icedi.

11.12 Lattrina Pubblika

Il-Kunsillier Anton Gellel qal li Fr. John Avellino, Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz, nfurmah li l-istess Kumitat huwa lest li jiftah il-latrina li hemm fis-sala parrokjali, waqt attivitajiet pubblici, izda bi hlas.

Il-Laqgha ntemmet fi 9:15 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju, 2012 fil-5;30 ta' filghaxija.

____________________________ ____________________________

Christine Bonello ikkonfermati John Boxall
Segretarja Ezekuttiva Sindku